**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Marzu, 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1198/01JR**

**Joseph u Carol konjugi Farrugia**

**vs**

**Gerald u Anna konjugi Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attrici fil-15 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u wiehed liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm501.55) u fejn intqal:**

**Illi l-konvenuti huma obbligat li jhallsu lill-atturi l-ammont komplessiv fuq imsemmi kwantu ghal mitejn liri Maltin (Lm200.00), rapprezentanti**

**xahar kera u cioe` mit-22 ta' Awissu, 2001, sal-21 ta' Settembru, 2001 ghall-fond Mignon 69, Triq il-Kwartin, Ta' l-Ibragg; kwantu ghal mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm242.20) rapprezentanti kont ta' l-elettriku u ilma minnhom ikkunsmati fil-fond hawn fuq indikat ghall-perjodu mis-16 ta' Ottubru, 2000 sa l-24 ta' Lulju, 2001; kwantu ghal dsatax-il lira Maltija hamsa u tletin centezmu (Lm19.35) rapprezentanti kont ta' l-elettriku u ilma ghall-perjodu mill-25 ta' Lulju, 2001 sas-27 ta' Awissu, 2001; u in kwantu ghall-erbghin lira Maltija (Lm40.00) prezz ta' fan bl-istand, wine table, flower stand tal-ferrobattuto li ttiehdu mill-konvenuti mill-fond hawn fuq deskritt u li ma gewx ritornati inkluz hsara fil-kexxun tal-kitchen dresser u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;**

**Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ufficjalment sabiex ihallsu dan l-ammont huma baqghu inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax sal-hlas effettiv inkluza l-ittra ufficjali tal-11 ta' Settembru, 2001.**

**Ra r-risposta bil-kontro-talba tal-konvenuti prezentata fis-6 ta' Dicembru, 2001, fejn intqal:**

**i. illi l-konvenuti qed jikkontestaw it-talba attrici limitatament f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) rapprezentanti xahar kera gravanti l-fond Mignon 69, Triq il-Kwartin, Ta' l-Ibragg, u dan ghal ragunijiet li ser jigu amplifikati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenuti fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) jew somma verjuri rapprezentanti valur ta' oggetti mobbli, u b'mod partikolari treadmill u washin machine li ghadhom fil-fond Mignon, Triq il-Kwartin, Ta' l-Ibragg;**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba pprezentata fl- 10 ta' Dicembru, 2001, fejn intqal illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-oggetti mobbli indikati mill-atturi rikonvenuti jistghu jittiehdu mill-konvenuti rikonvenjenti liberament u dan stante illi l-istess konvenuti rikonvenjenti ghad ghandhom access ghall-fond.**

**Inoltre l-atturi rikonvenuti qatt ma oggezzjonaw illi dawn l-oggetti mobbli jittiehdu mill-konvenuti rikonvenjenti.**

**Semgha x-xhieda ta' joseph Farrugia u Gerald Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **It-talba attrici hija ghal hames mija u wiehed liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm501.55), kwantu ghal:**
   i. **mitejn liri Maltin (Lm200.00), rapprezentanti xahar kera u cio` mit-22 ta' Awissu, 2001, sal-21 ta' Settembru, 2001 ghall-fond Mignon 69, Triq il-Kwartin, Ta' l-Ibragg;**
   ii. **kwantu ghal mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm242.20) rapprezentanti kont ta' l-elettriku u ilma minnhom ikkunsmati fil-fond hawn fuq indikat ghall-perjodu mis-16 ta' Ottubru, 2000 sa l-24 ta' Lulju, 2001;**
   iii. **kwantu ghal dsatax-il lira Maltija hamsa u tletin centezmu (Lm19.35) rapprezentanti kont ta' l-elettriku u ilma ghall-perjodu mill-25 ta' Lulju, 2001 sas-27 ta' Awissu, 2001;**

**iv. u in kwantu ghall-erbghin lira Maltija (Lm40.00) prezz ta' fan bl-istand, wine table, flower stand tal-ferrobattuto li ttiehdu mill-konvenuti.**

**2. Illi mir-risposta tal-konvenuti jidher li l-kontestazzjoni tirrigwarda biss l-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) dovuta bhala kera.**

**3. Dwar dan ghandu jinghad li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim gie esebit bhala Dok A, li jirrigwarda l-kera tal-fond Mignon 69, Triq il-Kwartin, Ta' l-Ibragg, ghall-perjodu ta' sena, mit-22 ta' Settembru, 2000. Il-kuntratt gie ffirmat mill-partijiet.**

**4. Il-konvenut kien talab estensjoni tal-kirja ghall-perjodu ta' ftit xhur, pero l-attur ma accettax peress li ried il-fond ghall-bintu. Lanqas ma kien accetta l-attur li l-kuntratt jigi terminat qabel iz-zmien stipulat.**

**5. Il-partijiet kienu jafu x'qed jiffirmaw meta gie redatt il-ftehim ta' lokazzjoni, u dana il-ftehim seta' jigi terminat biss bil-kunsens taz-zewg partijiet, apparti dak li tipprovdi**

**il-Ligi ghal terminazzjoni. Ghandu jinghad li tassew dan it-Tribinul ghandu jiddeciedi a bazi ta' ekwita` skond il-Ligi, pero` kif rietenut, fil-kawza "Rizzo vs Dawson":**

> **"nell'esistenza di patti nettamente stipulati e non contrary alle leggi vegenti, non e` lecito sostituire a cio` che vollero I contraenti il principio di equita` che, se in alcuni casi puo` temperare il rigore del diritoo, non puo` sostituire l-arbitro al diritto stesso" (op.cit. Fadda para.78; u Gerada vs Pace dec 15.12.1938).**

**6. Ghalhekk l-ammont ta' kera reklamat mill-attur huwa dovut mill-konvenut.**

**7. Dwar l-erbghin lira Maltija (Lm40.00) prezz ta' fan bl-istand, wine table, flower stand tal-ferrobattuto li ttiehdu mill-konvenut, jirrizulta li dawn gew ritornati, pero` wine table li tiswa hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) giet ritornata miksura. Dwar din ir-raa' talba t-Tribunal ghalhekk qed ji**

**8. Dwar il-kontro-talba jirrizulta li t-treadmill u l-washin machine kienu ingabru mill-konvneut, u ghalhekk m'ghadx hemm oggetti tal-konvenut fil-pussess ta' l-attur, Ghalhekk illum il-kontro-talba hija ezawrita.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' erba' mija u sebghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm476.55) u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma imsemmija ta' erba' mija u sitta u sebghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm476.55), bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-21 ta' Settembru, 2001. Dwar il-kontro-talba t-Tribunal qed jiddikjara l-meritu dwar l-istess ezawrit u konsegwentament ma hemmx lok li jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**